# Kunsill Lokali Gżira

3 ta' Ġunju 2021

**Ref Nru. 32/2021**

Minuti tal-laqgħa Urgenti Nru. 32/2021 li saret il-Ħamis 3 ta Ġunju 2021

Il-Kunsilli ltaqa' permezz ta onlajn meeting fuq Zoomi fil-5pm.

**Preżenti**

Tmien membri li kienu s-Sindku Conrad Borg Manché, il-Vici Sindku Ralph Mangion, il-Kunsillieri Neville Chetcuti, Ian Buhagiar, Alexander Zammit, Shaun Farrugia, Jessica Borg u Hugh Caruana flimkien mal- Agent Segretarju Eżekuttivv Claire Goodlip

**Skuzati**

Jeremy Cardona minħabba ragunijiet ta' xogħol.

**Chairman**

Is-Sindku Conrad Borg Manché ppreseda l-laqgħa

**Agenda**

Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li hareg fl- 2 ta' Ġunju 2021

**32.1 Talba u Ragunijiet Għal-Laqgħa Urġenti**

32.1.1 It-talba biex issir Laqgħa urgenti giet imressqa mil-Kunsilliera Jeremy Cardona, Shaun Farrugia, Hugh Caruana u Jessica Borg. It-talba giet milqugħa mis-Sindku Conrad Borg Manché.

32.1.2 Ragunijiet mibgħawta bil-miktub – Ir-Raguni għal din il-laqgħa urgenti hija fuq posts li qed iduru fuq il-midja socjali minn Inħobbu Gzira li qegħdin jiddikjaraw zviluppi ġoddafil-ġnien Dawn intbgħatu mill-Kunsillier Jeremy Cardona.

32.1.3 Raġunijiet li ingħataw fil-laqgħa – Fl-assenza tal-Kunsillier Jeremy Cardona, il-Kunsilliera Jessica Borg taghat ir-raġunijiettagħha fuq il-bazi ta' dak li ġiemiktub. Kompliet tgħid li xtaqet iktar informazzjoni fuq il-binja (kapitanerija u ufficini), il-kobor u l-għoli tiegħu u l-impatt tieghu. Il-Kunsilliera Borg ikkonkludiet billi talbet li issir Objection fuq dan il-proġett.

**32.2 Spjegazzjoni mis-Sindku**

32.2.1 Is-Sindku saħaq illi l-aħjar peress li dan il-ftehim sar fil-legislatura precedenti jispjega kif graw ezatt l-affarijiet. Lura fis-sena 2016, il-Kunsill kellu pjan biex jirreġnera il-Ġnien Kunsill ta' l-Europa, li kien jinkludi dawl, pavimentar gdid u affarijiet oħra. Il-Kunsill kellu kollox lest sabiex joħrog it-tenders, izda kien gie infurmat illi Transport Malta kienet qed tikkunsidra tipprivatiżża il-marina li tinsab biswit il-ġnien. Għalhekk kien gie deċiz li jinzamm kollox sakemm tinħareg l-Request for Proposals għal-Marina biex ikun progett wiehed.

32.2.2 Fil-bidu tas-sena 2017 wara diversi laqgħat maċ-Ċhairman tat-TM, kien hemm qbil li il-kunsill kien ser jingħata mitejn u ħamsin elf euro (€250,000) biex izidhom mal-mitejn u ħamsin elf (€250,000) li il-kunsill kien diga alloka għal-dan il-progett. Għalhekk l-ammont totali allokat kien dak ta' ħames mitt elf (€500,000). Is-Sindku kien ġie infurmat illi l- RFP kienet ser tinkludi ħames mitt metru kwadru (500m$^2$) sabiex tintuza bħala kapitanerija mill-operatur il-ġdid. Is-Sindku ma qabilx li jittieħed dan l-ispazju. Waqt id-diskussjoni mac-Chairman ta' TM gie diskuss il-pjanijiet li kienu deċizi minn naħa ta TM u il-Lands Authority, għalhekk is-Sindku talab illi din il-binja gialadarba ser issir:

- I. Tkun tinkludi letrini publici (Dawn xorta kellhom isiru mil-Kunsill)
- II. Is-Saqaf tal-binja tigi konvertita *f'roof garden* belvedere purament għal-publiku.
- III. Ir-riġenerazzjoni tal-ġnien tigi kollha iffinanzzjata mil-operatur tal-Marina u jirdoppja l-investiment għal miljun euro.

32.2.3 Hawn is-Sindku spjeġa li b'dan il-ftehim il-Kunsill ma kienx sa joħroġ ċentezmu biex jittranġa il-ġnien u il-fondi li kellu allokati setgħu jintuzaw għal progetti oħra, tant li dawn it-talbiet ġew imniezla fl-RFP (Request for Proposal) li ħarget Transport Malta għal-Marina.

31.2.4 Is-Sindku kompla jispjeġa kif il-Kunsill għandu Kuntratt tad-Devuluzzjoni tal-Gnien, li sar fis-sena 2000, li jgħid il-Lands jista' jieħu lura parti jew il-ġnien kollu fuq notifika ta' tlett xhur. Dan bħal ma jista jigri fil-kas tal-pompa, fejn tista tittieħed area ta' madwar disa' mija u tletin metru kwadru (930m²). Is-Sindku spjega li skond il-kuntratt il-Lands tista tieħu lura il-Ġnien jew partijiet minnu u tagħddiħ skond il-proċedura lil ħaddieħor.

32.2.5 Is-Sindku ikkonkluda billi qal li din il-kapitanerija xorta waħda kienet ser issir. Madanakollu fin-negozjati irnexxielu jġib investiment ta' miljun (€1,000,000) għar-rigenerazzjoni tal-ġnien, iletrini tant bzonnjuzi u l-access għas-saqaf (Belvedere) allura bazikament ma ntilfx pulzier mill ġnien u il-beneficcju ghan-nies ser ikun wiehed enormi kif ukoll jinkludi il-facilitajiet li hemm bzonn ukoll.

## 32.3 Diskussjoni

32.3.1 Id-Diskussjoni bdiet billi il-Kunsilliera J.Borg regat irreferiet għal-posts ta Inħobbu Gzira, fejn is-Sindku wieġeb li ħafna drabi dak li jixxandar fuq il-midja soċjali jsir sabiex joħloq sensazzjoni fost l-udjenza. Is-Sindku qal illi biex tiġbor-Informzzjoni korretta kellha titkellem miegħu. Is-Sindku saħaq illi Kunsill ma jitmexxiex bil-posts mizinformati jew saħansitra qarrieqa minn ċerti nies fuq facebook.

32.3.2 Il-Kunsillier H. Caruana semma li l-informazzjoni li qed iddur, qeda issemmi restaurant mhux kafetterija, fejn sostna li hemm differenza bejniethom. Is-Sindku irrisponda billi sostna li l-operatur ħa jagħmel investiment sostanzjali fil-gnien li certament ha jgawdi minnu il-poplu kollu. Semmgħa li meta saret il-"Public Consultation' lura fil- 31 ta' Lulju 2020, il-Kunsillier H.Caruana kien prezenti, fejn il-proġett gie ipprezentat u l-pubbliku setgħa jagħmel il-mistoqsijiet tiegħu u jitlob kjarifika. Il-Pubbliku ingħata ċ-ċans li jagħti s-suġġerimenti tiegħu ukoll għax is-Sindku dejjem ried li jkun progett għan-nies u jkun owned min-nies li ser jutilizzawħ u jgawduħ.

32.3.3 Il-Kunsillier H. Caruana saqsa għalfejn fil-kas tal-pompa il-Kunsill għamel l-appelli, petizzjonijiet u affarijiet oħra u f'dan il-kaz tal-ġnien ma sar xejn minn dan. Is-Sindku irrisponda billi qal li b'differenza għal tal-pompa, Transport Malta idduskutew mal-Kunsill u taw l-opportunita lil Kunsill sabiex jagħmel it-talbiet tiegħu, mentri fil-kas tal-pompa ma sar xejn minn dan anzi induna bil-permess purament b'kumbinazzjoni. Il-Kunsillier H.Caruana ikkonkluda li jekk f'kaz il-Kunsill jitlef l-appel fuq il-pompa, il-Gzira ħa tkun tilfet elf u ħames mitt metru kwadru (1500m²). Is-Sindku qal li fil-kaz tal-binja tal-ġnien mħux ħa jkun mitluf xejn għaliex s-saqaf tal-binja ser ikun spazju publiku ukoll.

32.3.4 Il-Kunsillier A. Calleja Zammit qal li fuq principju il-progett ma jaqbilx miegħu. Pero la darba sa issir ried isemmi il-ħsiebijiet tiegħu. Hu wera it-tħassib tiegħu li persuna b'disabbilita ser jkollha diffikulta biex tittella' ir-rampa għal fuq il-Belvedere. Hawn is-Sindku qabel u wara li kkonsulta il-pjanta sottomessa lil Awtorita ta' L-Ippjanar ikkonferma li diga hemm lift ippjanat.

32.3.5 Il-Kunsillier A. Calleja Zammit qal ukoll li jkun tajjeb li wieħed jaħseb fl-events li jistaw isiru fil-ġnien. Dan għaliex jekk mal-pjan ta' rigenerazzjoni jiġi inkluz xogħlijiet ta' preparamenti għal events, jagħmilha iktar facli sabiex isir ċertu setups. Is-Sindku qabel li dan l-argument jista jigi discuss ma l-operatur.

32.3.6 Il-Kunsillier S.Farrugia qal li dment li ma hemm xejn bil-miktub, l-operatur jista jagħmel tibdiliet fuq il-permessi prezenti. Is-Sindku spjega li ma kienx il-kaz ghax dak kollu ippjanat kien inkluz f'l-RFP li hareg il-Gvern, għalqastant il-Kunsillier A. Calleja Zammit issuġġerixxa li l-qbiel bejn l-operatur u  il-Kunsill isir bil-miktub. Is-Sindku qal li il-qbil ma sarx mal-operatur izda ma TM qabel ma harget l-RFP. Madanakollu Is-Sindku ma sabx ogezzjoni li dak kollu maqbul fl-RFP li jirrigwarda il-gnien u il-binja isir bil-miktub.

32.3.7 Il-Kunsillier H.Caruana staqsa x'sa tkun ir-risposta tal-Kunsill mal-pubbliku fuq dan l-argument. Is-Sindku qal li dak li qed jigi mitqal issa gie spjegat diversi drabi u sostna li il-pubbliku irid jifhem li dan il-proġett ser  innaqqas drastikament l-abbuz li qed isir kontinwament fil-ġnien. Dan għaliex l-operatur ħa jkollu Gwardjan tas-Siġurta u sistemi ta siġurta kontinwi, u l-ispiża ħa jitħol għaliha hu.

32.3.7 Il-Kunsillier S.Farrugia saqsa fuq l-għoli tal-binja u jekk hux sa jkollu zewg sulari. Is-Sindku irrisdponda li sular wieħed sa jkun hemm u l-għoli ta 5.4 metri hu maqsum bejn is-substation u l-għoli tar-restawrant/kafetterija u l-ufficini (4.8m). Spjega li lgħoli ma jistax ikun bħal dak domestiku għaliex tali għoli ma tippermettiex ventilazzjoni bizzejjed skond il-ligi.

32.3.8 Il-Kunsilliera J.Borg, bis-sapport tal-Kunsillier A.Zammit sostnew li il-Kunsill għandu jagħmel stqarrija u jfiehem lil-pubbliku dan il-progett bid-dettal u kif wasal għalih. IS-Sindku qabel li dan isir.

32.3.9 Il-Vici Sindku R.Magion semmgħa li kien hemm varji proponimenti minn naħa tal-Kunsill bħal-'Dog Park', u xtaq ikun jaf jekk dawn għaddewx u jekk il-Kunsill għadux fil-ħin biex jgħaddi xi proponimenti oħra. Is-Sindku irrisponda billi ikkonferma li dawn il-proponimenti ġew mgħoddija kollha, tant hu hekk li kienu inkluzi anki fil-Walthrough tal-proġett. Pero semmgħa ukoll li l-applikazjoni mal-PA jonqos li jipprezentaw xi dokumenti, għaldaqstant il-Kunsill għadu fiz-zmien sabiex jaddi xi ideat ohra. Is-Sindku ippropona li fil-laqgħa li jmiss jiġu mistiendna l-operatur u il-Perit sabiex jipprezentażwil-pjanti ezistenti u jigu diskussi il-proponimenti il-ġodda tal-Kunsill.

32.3.10 Il-Kunsillier A.Calleja Zammit għamel l-aħħar intervent tiegħu fejn qal li kieku il-Kunsill jagħmel Zebra Crossing li tkun disability friendly quddiem il-KFC, il-gnien ikun iktar aċċessibli għal kulħadd. Hawn is-Sindku qabel miegħu mija fil-mija.

32.3.11 Il-Kunsillier R.Mangion staqsa  jekk hemmx skeda tax-xogħolijiet u f'dak il-

kaz, meta se jinbeda dan ix-xogħol u kemm sa jdum biex jitlesta. Is-Sindku sostna li għadu ma għandux din l-informazzjoni, pero għal-ammont ta xogħol li hemm involut, zgur mhux ha jitlesta f'sitt xhur. Din l-informazzjoni tista tinġabarfl-intervent ta' l-operatur waqt il-laqgħa li jmiss.

32.3.12 Il-Kunsillier I.Buhagiar qal li waqt laqgħa xi sena ilu, il-Kunsilliera ġew murija il-Walktrough provdut mil-operatur. Dan il-Walktrough kien filmat li juri kif ġejjl-ġnienla darba il-proġettl-ġdid jitlesta. Il-Kunsillier fakkar li dak iż-żmien il-proġetkien intgħogob minn kulħadd. Bil-permess tas-Sindku is-Seġretarjareġgħatuwriet dan il-Walktrough lil Kunsilliera. Wara il-filmat, il-Kunsillier I.Buhagiar qal li fil-filmat jidher ċarli l-binja kienet inkluza u hija l-stess waħda li giet proponuta s-sena l-oħra. Is-Sindku ikkonferma li dan il-Walkthrough ilu mtella fuq il-pagna ta' Facebooktal-Kunsill mit-18 ta' Settembru 2020. Il-Kunsilliera qablu li dan il-Walkthrough għandu jittella ma l-istqarrija.

32.3.13 Il-Kunsillier H.Caruana qal li primarjament din il-laqgħa issejħet minħabba li l-għada kien hemm il-kawza. Is-Sindku ikkoregieħ u qal li l-għada ser tagħlaq ir-'Representation Time'. Spjega billi qal li din l-iskadenza hija sabiex wieħed ikun prezenti waqt il-laqgħa pubblika tal-board. Il-Kunsilliera uwrew ix-xewqa li jkunu prezenti waqt din il-laqgħa, fejn is-Sindku qal li f'kazi bħal dawn il-Kunsill jiġinotifikat u invitat biex ikollu raprezentanza f'dan it-tip ta' laqgħat.

## 32.4 Laqgħa Urgenti – Konklużjoni

32.4.1 Il-Kunsill ikkonkluda li la darba il-progett jaqbel u ma jaqbilx il-Kunsill xorta waħda sa jsir, il-Kunsill għandu id-dmir li jagħmel minn kollox biex ir-residenti ikollhom l-akbar vantaġġi possibli.

32.4.2 Il-Kunsill ser joħroġ stqarrija bl-informazzjoni kollha u magħha il-filmat tal-'Walktrough'

32.4.3 Waqt il-laqgħa li jmiss, nhar it-Tnejn 28 ta' Ġunju 2021 , l-operatur ser jiġi mistieden jagħmel intervent.

Konfermati, illum 28 ta' Ġunju 2021.

IFFIRMATA IFFIRMATA

Conrad Borg Manche
Sindku

Claire Goodlip
Aġent. Segretarju Eżekuttiv